**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 753/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Alan Zammit**

Illum il-25 ta' Marzu 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Alan Zammit ta' 56, Flat 1, Triq L-imhazen, Floriana, ID 209579M,

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 18:00 hrs fi Triq l-Imhazen, Floriana,

1. Ikkagunajt biza li ser tuza vjolenza kontra Rachel Zammit jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-

axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) (Kap 9 Artikolu 251 B (1))

2. Gibt ruhek b'mod li kont taf jew missek kont taf li ser taghti fastidju lil Rachel Zammit (Kap 9 Artiklu 251 A (1) (b)

3. Hebbejt kontra Rachel Zammit sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna (Kap 9 Artikolu 339 (1) (d)

4. Insulentajt jew heddidt lil Rachel Zammit jew jekk kont provokat, ingurjajt b'mod li hrigt mill-limitu tal-provokazzjoni (Kap 9 Artiklu 339 (1) ( e)

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Rachel Zammit jew sabiex jinzamm il bon-ordni pubbliku skont il-provedimenti tal-Artikou 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Krminali

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2018 saret talba mill-prosekuzzjoni sabiex issir korrezzjoni fl-akkuza b'tali mod li fejn hemm id-data u l-hin jizdiedu l-kliem "u x-xhur ta' qabel" kif ukoll li tizdied akkuza ohra a bazi tal-artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li taqra:

*"Kull min juza vjolenza inkluz vjolenza morali u/jew psikologika u/jew sfurzar sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex*

*inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jizola tali persuna jew jillimita l-access ghal-flus, edukazzjoni jew impjieg."*[1]

Il-Qorti laqghet it-talba ghal tali korrezzjoni.

Fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2018 rega gie ikkonfermat tali korrezzjoni.

*"L-Ufficjal Prosekutur qed tirrileva illi din il-korrezzjoni saret fis-seduta precedent u cioe' tat-12 t'Ottubru, 2018, fejn saret din l-addizzjoni tal-ahhar akkuza u l-imputat kien gie notifikat bl-akkuzi seduta stante.*

*Illi minhabba din l-addizzjoni, il-kawza teccedi l-kompetenza tal-Qorti u ghalhekk din il-kawza se tintbghat lura mid-distrett minn fejn hargu l-akkuza ghall-provvediment necessarju."*[2]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu il-provi taghha nhar id-9 ta' Dicembru 2020.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

---

[1] Folio 8 ta' l-atti processwali
[2] Folio 12 ta' l-atti processwali
[3] Folio 18-20 ta' l-atti processwali
[4] Folio 32 ta' l-atti processwali

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-22 ta' Mejju 2018 meta gie rraportat mal-pulizija illi kien hemm argument gewwa l-fond numru 56, Appartament 1, Triq l-Imhazen, Floriana. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-imputat kien dahal fir-residenza msemmija u beda jaghmel l-istorbju, jhedded u anke ghamel xi hsara f'xi hgieg fl-imsemmi residenza.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Bhal provi l-pulizija qabel xejn esebiet l-affidavit ta' PS1114 Marlon Hili.

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li din il-kawza kienet assenjata lil din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja fis-7 ta' Dicembru 2018.

Illi minn dakinhar sa sentejn wara, ossija d-9 ta' Dicembru 2020, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova, imqar wahda.

Wara dawn is-sentejn, il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhud principali, Rachel Cassar gja' Zammit, li ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-kwerela li hija kienet ghamlet u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed tahfer lill-imputat.

A bazi ta' din ir-rinunzja, il-prosekuzzjoni ma nsistietx fuq ix-xhieda taghha minkejja li illum hija legalment separata. Di piu', il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ohra u seduta stante, dakinhar stess, iddikjarat li qed taghlaq il-provi taghha b'mod definittiv.

B'hekk din il-Qorti thalliet minghajr ebda prova biex tiddeciedi l-kaz odjern, salv ghall-affidavit tas-Surgent PS1114 Marlon Hili.

Filwaqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza li, f'kazijiet bhal dawn, l-atmosfera ta' bejn il-partijiet hafna drabi tikkwieta biz-zmien, minnu nnifsu, dan il-fenomenu

ma ghandu jnaqqas xejn mill-veracita' o meno tal-akkuzi – wisq anqas ghandu jservi ta' rallentatur ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li, evidentement, il-prosekuzzjoni pprestat ruhha biex ghadda z-zmien u lil hinn mill-gravita' tal-akkuzi nfishom, din il-kawza spiccat biss pedina wahda f'negozjati aktar kumplessi fl-isfond tas-separazzjoni ta' bejn l-imputat u l-parte civile. Minflok, il-prosekuzzjoni messha, rinfaccjata b'dan it-tip ta' allegazzjonijiet, ressqet il-provi kollha taghha in sostenn tal-imputazzjonijiet, liema imputazzjonijiet fl-ahhar mill-ahhar kienet il-prosekuzzjoni stess li ghazlet li tressaqhom fil-konfront tal-imputat.

Ghalhekk, fid-dawl tal-fatt li ma tezisti ebda prova sufficjenti fil-konfront tal-imputat dwar imqar wahda mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251B(1), 251A(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 251(1) u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet bhala preskritti, issib lil Alan Zammit **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra dedotti kontrih, u konsegwentement tiliberrah minn kull piena u htija.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Marzu 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**